MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 101/2004

**Western Company Ltd**

**vs**

**Bassam L Amari (ID 21488A)**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm3,495) bilanc ta' prezz ta' zewg vetturi bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni taghhom rispettivament DBC 352 u LLL 386, u ta' multi nkorsi ghall-kontravenzjonijiet minnu bl-imsemmija vetturi sad-19 ta''Jannar, 2004.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult, tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 85/04, u tar-rikors ghall-elevazzjoni tad-19 ta' Jannar, 2004, bl-ispejjez ta' l-istess elevazzjoni.

Rat illi l-konvenut baqa' kontumaci

Semghet ix-xhieda ta' Charles Bianco in rapprezentanza tas-socjeta' attrici;

Fil-kontumacja tal-konvenut u billi l-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ghandha ragun fit-talba taghha;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------